MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru 10/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Jose` Edgar Pena**
***... omissis ...***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-30 ta' Gunju 2008 kontra Jose` Edgar Pena u *omissis* li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza

lill-istess Jose` Edgar Pena u *omissis* talli assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta’ Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b’sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabu lill-imsemmi Jose` Edgar Pena hati skond l-uniku Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, iddikjarat lill-istess Jose` Edgar Pena hati talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati Jose` Edgar Pena ghall-piena ta’ tmintax-il (18) sena prigunerija, b’dan li minn dan it-terminu ta’ prigunerija jrid jitnaqqas iz-zmien kollu li hu qatta’ taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn l-akkuzi u multa ta’ ghoxrin elf euro (€20,000) konvertita f’sena prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre kkundannat lill-istess Jose` Edgar Pena s-somma ta’ erbat elef, sitt mija u erbgha u hamsin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€4,654.24) rapprezentanti nofs l-ammont intier ta’ disat elef tliet mija u tmin euro u tmienja u erbghin centezmi (€9,308.48) ta’ l-ispejjez peritali inkorsi f’dan il-process a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija ulterjuri skond il-ligi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti kollha li dwarhom saru

r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota – li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ dik il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni ta’ dik il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**“Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza;**

**“Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza u l-prosekuzzjoni dwar il-piena li jinsabu kollha registrati u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:**

**“L-abbli difensur Dr. Joe Brincat, ghall-hati Jose` Edgar Pena ssottometta li ghandha tinzamm relattivita` mal-piena erogata lil Burgoa li effettivament importa d-droga fejn allura l-parametri ghandhom jiffavorixxu lil Jose` Edgar Pena minkejja li l-iehor ibbenefika minn ammissjoni bikrija u l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Il-htija giet dikjarata permezz ta’ verdett minimu u ssottometta wkoll li Pena m’ilux li hareg mill-habs ghax kien inqabez it-terminu taz-zamma bl-arrest tieghu u jekk kien hemm xi parti li ma wrietx rispett lejn l-uniformi tal-Pulizija zgur li ma kinitx id-difiza tieghu u ma kellux ibati minn nuqqas ta’ rispett ta’ haddiehor.**

**“L-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant invece ssottomettiet li dan il-kaz kien jirrifletti konglomerazzjoni ta’ nies li assocjaw rwiehhom sabiex jittraffikaw id-droga f’Malta u kien grazzi biss ghad-dedikazzjoni tal-Pulizija li ssugraw hajjithom li dan ic-cirku inkiser u giet salvata l-hajja tan-nies.**

**Sfortunatament xogholhom ma kienx apprezzat u minn fuq gew soggetti ghal zeblieh min-naha ta' difiza minnhom. Il-Qorti ghandha tifhem il-konsegwenzi li kieku d-droga sabet ruhha fit-triq bi 15,000 doza jinxterdu minn fost iz-zghazagh taghna wara li giet min-naha l-ohra tad-dinja f'operazzjoni determinata u organizzata. Il-piena ghandha tirrifletti din id-determinazzjoni li daqstant l-istat hu determinat li jiggieled din il-pjaga b'kull mezz legali disponibbli."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jose` Edgar Pena pprezentat fl-1 ta' Novembru 2010 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka l-verdett u s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, u verament in subordine, tirriformaha dwar il-piena u l-ispejjez peritali; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti; (2) li fl-indirizz kien hemm diversi nuqqasijiet li kellhom effett fuq il-verdett: (i) li l-ewwel Qorti qalet lill-gurati li kellhom jimxu fuq il-*"gut feeling"*; (ii) li fl-indirizz taghha l-ewwel Qorti ma spjegat xejn dwar x'inhuma l-modalitajiet miftehma ta' l-assocjazzjoni; (iii) li l-ewwel Qorti tat direzzjoni hazina dwar il-provvedimenti ta' l-artikolu 30A tal-Kap. 101 b'referenza ghall-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali; (iv) li fl-indirizz kien hemm nuqqas ta' direzzjoni taht l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali; (3) li, minghajr pregudizzju, il-piena, meta mqabbla ma' dik inflitta fuq Burgoa, hi sproporzjonata; (4) li l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' spejjez peritali li kienu rrilevanti ghall-kaz.

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid illi ghalkemm normalment tali rikors jibda biex iqajjem kwistjonijiet, jekk ikun hemm, dwar l-indirizz ta' l-Imhallef, f'dan il-kaz dehrlu li ghandu jaqleb l-ordni u dan ghar-raguni li, tant fuq il-fatti gie misjub hazin skond ir-regoli tal-ligi, li l-kwistjonijiet l-ohra, imqar jekk huma importanti, huma *in subordine*. Jghid illi dan qieghed isir ukoll halli jigi facilitat il-process ta' l-appell, fis-sens li jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju ma

jkunx hemm bzonn li din il-Qorti tidhol f'kull aggravju ulterjuri.

**7.** Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta din il-funzjoni taghha, hija tezamina dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li jkun hemm fil-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, ikunux setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti – u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar – hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma jkunux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom.[1] Peress illi, qabel xejn, din il-Qorti trid tara jekk il-gurati gewx ben indirizzati mill-Imhallef sedenti fil-guri, din il-Qorti, wara li ezaminat kemm il-provi kif ukoll l-indirizz, hi tal-fehma li ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tieni aggravju.

**8.** L-ewwel ilment jirrigwarda l-mod kif l-Imhallef sedenti indirizza lill-gurati fl-aktar moment kritiku, u cioe` meta kien qieghed jispjegalhom id-doveri taghhom taht il-gurament proprju qabel ma dahlu jiddeliberaw u anke ftit qabel, illi wara kollox kellhom jimxu fuq il-*"gut feeling"*. L-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

appellant jghid li din kienet *misdirection* u t-*timing* taghha aghar min dak li gara fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul** deciz minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2005.

**9.** Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri uza din l-espressjoni darbtejn. L-ewwel darba li uzaha kien meta kien qieghed jispjega lill-gurati l-provvedimenti ta' l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali[2]. Meta wasal biex jispjega l-frazi "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa", huwa qal:

"Jigifieri intom qed tisimghuh, qed tharsu u tghid: "Imma dan, imma dan?" Dik il-*gut feeling*. Imma dan, ghandha mis-sewwa? Dan qed jipprova jghaddina biz-zmien jew huwa serju? Jekk ghandhiex mis-sewwa…."

Aktar tard, meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed ifakkar lill-gurati fil-gurament li kienu hadu fil-bidu tal-guri, qal:

" 'Illi tiddeciedu fuq l-akkuzi u fuq id-difiza'. Li tiddeciedu fuq l-akkuzi. Ghandna akkuza wahda. *All right?* U fuq id-difiza. Kif spjegatilkom tajjeb il-pozizzjoni tad-difiza – "kif tghidilkom ruhkom u kif thossu gewwa fikom". *All right? The gut feeling* ukoll tapplika. Ukoll tapplika."

**10.** Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-appellant ghandu ragun jissottometti li meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri dderiga lill-gurati biex jikkunsidraw il-*gut feeling*, kien qieghed jaghti *misdirection*. Fis-sentenza li ghaliha rrefera l-appellant, u cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**, din il-Qorti qalet hekk:

"Pero` meta aktar 'il quddiem fl-indirizz l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri kien qieghed jispjega l-

[2] L-artikolu 637 jipprovdi: "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."

provvedimenti ta' l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, ghamel referenza ghall-frazi li dwarha qieghed jilmenta l-appellant[3]:

*"U fl-ahhar thallilna mbaghad a blanket clause l-ligi f'dan l-artikolu u tghidlek trid tqis 'ic-cirkostanzi kollha tal-kaz'. U fost dawn semmejtilkom diga` l-interess per ezempju meta wiehed ghandu jghid haga u mhux ohra, ara wiehed ghandu interess jghid haga issa u ma qalhiex qabel, u dan kollu. Jigifieri mhux ezercizzju facli dan, ara kemm tridu tiehdu into account fatturi. Pero` finalment ser ikun hemm dak li jghidulu l-inglizi a gut feeling - illi deep down in your heart, f'qalbek tghid imma jiena hekk inhoss. Din ghalija hija l-verita`."*

"Din il-Qorti tqis l-uzu ta' l-espressjoni *'a gut feeling'* bhala uzu xejn felici. Huwa probabbli li dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti kien il-konvinciment morali li jrid ikollhom il-gurati sabiex ikunu jistghu jaslu ghall-htija ta' l-akkuzat. Difatti fil-paragrafu sussegwenti tirreferi ghall-grad ta' prova li trid tilhaq id-difiza biex iddahhal f'mohh il-gurati d-dubju ragjonevoli. L-ezercizzju li jridu jaghmlu l-gurati huwa li jevalwaw u jiflu l-provi kollha u jirragunaw dwar is-sinjifikat taghhom u sa fejn iwasslu, u b'hekk jifformaw l-opinjoni taghhom unikament fuq il-provi li jitressqu fil-Qorti waqt il-guri, u mhux jaslu ghal xi konkluzjoni skond dak li jhossu fil-*'gut'*. Ghalhekk il-gurati m'ghandhom qatt jigu indirizzati bil-frasjologija li minnha gustament jilmenta l-appellant" (**sottolinear ta' din il-Qorti**).

**11.** Inoltre f'dan il-kaz, kuntrarjament ghal fil-kaz citat, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma ghaddhiex biex jispjega l-grad ta' prova li setghet tilhaq id-difiza. Anzi minn ezami ta' l-indirizz kollu jirrizulta li fl-ebda punt ma spjega x'inhu dak il-grad li kellha tilhaq id-difiza. U kwantu ghall-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, minbarra numru ta' riferenzi ghal "BRD" (*beyond reasonable doubt*) bhala l-grad li jrid jintlehaq, hemm biss referenza ghall-fatt li d-difiza u l-prosekuzzjoni ghamlu espozizzjoni korretta ta' l-erba' principji fondamentali ta' process gudizzjarju, il-

3 Pagna 30 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.

prezunzjoni ta’ l-innocenza, li l-provi jridu jingiebu mill-prosekuzzjoni, minghajr dubju dettat mir-raguni, u jekk jezisti dak id-dubju dan imur favur l-akkuzat. Naturalment li tiddeciedi a bazi ta’ provi li jwasslu ghall-grad ta’ minghajr dubju ragjonevoli huwa differenti milli tiddeciedi a bazi ta’ *gut feeling*. Jigifieri l-gurati ma jistghux jinghataw direttivi kontrastanti.

**12.** Fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** moghtija fil-23 ta’ Jannar 2003, l-appellant f’dik il-kawza kien ilmenta li dwar il-grad ta’ prova necessarja biex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragonevoli l-Ewwel Qorti fl-indirizz taghha kienet skjetta. Ilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma spjegatx b’mod car il-grad ta’ prova li tappartjeni lid-difiza meta din tiddeciedi li tressaq provi u l-grad necessarju biex l-evidenza taghha tkun emnuta. L-appellant hemm issottometta li peress li dan huwa punt difficli biex wiehed japprezza, cioe` d-differenza tal-gradi rispettivi tal-prova tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, din id-differenza ghandha tigi indirizzata bl-aktar mod car. Irrizulta f’dak il-kaz li l-ilment ta’ l-appellant ma kienx gustifikat. Izda din il-Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha:

**“Din l-allegazzjoni kieku tirrizulta sostanzjata, hija tali illi potenzjalment tista’ tinfetta l-process kollu u timmenomah serjament jekk mhux fatalment….**

**“M’hemm l-ebda formula li trid tigi segwita servilment ta’ kif il-gurati ghandhom jigu ndirizzati dwar il-grad ta’ prova li l-prosekuzzjoni ghandha tilhaq biex tista’ tinsab il-htija u dwar il-grad ta’ prova appartenenti lid-difiza.”**

**13.** Fil-kaz in ezami, apparti li l-ewwel Qorti ma spjegat xejn, galadarba l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien diga` semma li l-prova sabiex tinsab htija trid tkun minghajr dubju ragjonevoli, ma kellux jaghtihom id-direttiva kontrastanti ta’ *gut feeling*. Ghalhekk hawn il-Qorti tirravviza nuqqas skond l-artikolu 501(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**14.** L-appellant jilmenta wkoll dwar il-mod kif l-Imhallef li ppresjeda l-guri ttratta l-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni. Jghid li l-Imhallef waqaf billi lill-gurati qalilhom li jrid ikun hemm ftehim bejn mill-inqas zewg persuni, li l-ftehim irid ikun dwar droga, u l-modalitajiet. Bl-ebda mod, pero`, ma spjega x'inhuma l-modalitajiet, anzi uza l-espressjoni *"meeting of the minds"*. L-appellant jghid illi skond sentenza l-aktar recenti, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Clayton Galea**, biex ikun hemm l-assocjazzjoni ma jridx ikun hemm biss negozjar izda jrid ikun hemm qbil u jigu miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawn il-persuni ghandhom jimxu. Ghalhekk l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kienx qieghed jaghti direzzjoni fuq aspett importanti u element kostituttiv tar-reat. *"Meeting of the minds"* hija generika wisq u ma tinkludix meta jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi ta' kif ghandhom jimxu. Dan in-nuqqas ta' direzzjoni cara dwar l-elementi kostituttivi tal-ftehim kellha, skond l-appellant, effett fuq kif il-gurati setghu japplikaw il-fatti rilevanti ghal dan il-kaz.

**15.** Issa, kif beda l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal lill-gurati sabiex jiktbu fuq karta t-tliet elementi li kellhom jirrizultaw biex tista' tinstab htija ghar-reat ta' assocjazzjoni: "A. Ftehim bejn tnejn jew aktar persuni. B. Intenzjoni biex jigi negozjat id-droga. C. Modalita` jew *an agreed plan of action*." Qallhom ukoll biex jiktbu zewg *footnotes*: "Irrelevanti li l-pjan jintlehaq jew le" u "Prova tad-droga mhux necessarjament tindika l-assocjazzjoni". Hin minnhom jirrepeti li dawn huma t-tliet elementi kostitutivi tar-reat ta' assocjazzjoni. Imbaghad lejn l-ahhar ta' l-indirizz jirreferi ghall-ewwel *footnote* u jghid illi "l-fatt illi l-modalita` ma tkunx giet imwettqa, *the ultimate aim was never reached*, ma taghmilx differenza ghall-konsummazzjoni tar-reat. Il-fatt illi jkollok *a meeting of minds* huwa bizzejjed sabiex dan ir-reat ikun konkluz, darba jirreferu dawk it-tliet elementi."

**16.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ghandu ragun jilmenta min-nuqqas ta' spjegazzjoni tat-tielet element. Hija l-ligi stess li tghid li l-assocjazzjoni teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom

dawk il-persuni għandhom jimxu.[4] L-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera biss ghall-*meeting of minds*. Izda l-*meeting of minds* irid ikun mhux biss ghall-ispacc ta’ droga izda wkoll dwar il-mezzi, ossia modalitajiet, li ser jintuzaw sabiex isir dak l-ispacc. Jigifieri l-gurati kellhom jigu diretti f’dan is-sens, cioe` biex jaraw ukoll jekk, minbarra *meeting of minds* dwar spacc ta’ droga kienx hemm ukoll *meeting of minds* dwar il-mezzi kif, f’dan il-kaz, id-droga in kwistjoni kienet ser tingab Malta biex tinbiegh jew tigi traffikata. Hawn ukoll ghaldaqstant kien hemm nuqqas skond l-artikolu 501(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**17.** Fit-tielet ilment tieghu l-appellant jirreferi ghall-fatt li Martinez Enrique Burgoa, ix-xhud principali kontra l-appellant, gie mwieghed il-beneficcji tal-ligi jekk jikkonferma d-dikjarazzjoni li kien qieghed jaghmel, u dan kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Magistrat Inkwirenti. Jghid li Burgoa tkellem car li kien imwieghed tnaqqis tal-piena tal-habs. L-appellant josserva illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri esprima l-opinjoni illi t-twebbil u l-promessa ta’ vantagg ma tistax tirreferi ghal xi haga illi huwa beneficcju tal-ligi, illi l-ligi stess taghti lil persuna li tkun qieghda taghmel dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni guramentata. L-appellant jissottometti illi “l-promessa ta’ vantagg hija dik li tkun maghmula minn persuna fl-awtorita` illi jinduci lil dak li jkun illi jigguramentaha jew jixhed bil-vantagg. F’dan il-kaz partikolari rrizulta wkoll illi Burgoa xehed qabel il-guri tieghu u dan kif qal hu stess fuq parir ta’ l-avukata tal-ghajnuna legali li kellu dak iz-zmien Dr. Daniela Mangion illi qaltlu li jrid jikkonferma d-dikjarazzjonijiet illi kien ghamel.” Ghalhekk, isostni l-appellant, id-direzzjoni illi tat il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet id-difiza, kellu effett ta’ hsara ghat-tezi tad-difiza u, *multo magis*, meta kienet qed tittratta dwar ix-xhud illi kien implika lill-appellant.

**18.** Jinghad mill-ewwel li l-kwistjoni hawn imqajma mill-appellant hija wahda dwar ammissibilita` tax-xiehda li ta Burgoa quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dik li ta quddiem

[4] Art 22(1A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

il-Qorti Istruttorja. Din kellha titqajjem fl-istadju opportun tal-process.

**19.** Tajjeb li jinghad, pero`, illi jirrizulta li fix-xiehda tieghu waqt il-guri l-imsemmi Burgoa qal li l-Pulizija qalulu li jekk jikkoopera u jghin huma kienu se jghinuh, “ghax jien offrejt li ha nikkoopera”, u li bdew jghidulu “nghinek, nghinek” u “bl-idejn ibaxxu ’l isfel”.[5] Mistoqsi mid-difensur tieghu x’fehem meta qalulu li jghinuh, qal “inqas habs”.[6] Minbarra li jidher li kien hemm xi ftit diffikulta` ta’ komunikazzjoni bejn Burgoa u l-Pulizija, mix-xiehda ta’ l-istess Burgoa jidher illi kien hu li offra li jikkoopera u li dak li fehem kien, sa certu punt, dak li tghid l-ligi. Din il-Qorti qed tghid “sa certu punt” peress illi l-beneficcju moghti mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa lil min ikun ghen lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdew il-medicina perikoluza koncernata, u mhux jekk ikun ghen biex il-Pulizija taqbad lill-persuna li ghaliha tkun intenzjonata d-droga. Naturalment jekk tinqabad tali persuna bil-kooperazzjoni tal-*courier*, dan il-fattur xorta jittiehed in konsiderazzjoni fil-kwantifikazzjoni tal-piena. Issa, f’dan il-kaz Burgoa ta informazzjoni lill-Pulizija anke dwar is-*supplier*, ghalkemm dan ma nqabadx. Jigifieri kien hemm il-possibilita` li jibbenefika mill-imsemmi artikolu 29 kieku nqabad is-*supplier*. Konsegwentement ma kienx preciz il-Magistrat Inkwirenti meta fix-xiehda ta’ Burgoa jinghad illi “jekk nikkonferma din l-istqarrija li se nibbenefika minn dak illi tghid il-ligi stess”, peress illi s-*supplier* kien ghadu ma nqabadx. Ciononostante fil-kaz in ezami jirrizulta illi meta kien qieghed jixhed waqt il-guri, Burgoa kkonferma kemm ix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll ix-xiehda tieghu fl-Istruttorja. Dwar x’seta’ ntqal lilu minn Dott. Daniela Mangion, din il-Qorti mhijiex se tikkummenta peress illi mhux car mix-xiehda ta’ Burgoa jekk kienx qieghed jirreferi ghal meta tela’ jixhed fl-Istruttorja jew ghal meta tela’ jixhed waqt il-guri.

---

[5] A fol. 32 u 33 tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ Martinez Enrique Burgoa.
[6] A fol. 37 *ibidem*.

**20.** Din il-Qorti hi tal-fehma illi m'hemm xejn irregolari illi persuna investigata tkun infurmata dwar il-beneficcju li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, purche` l-informazzjoni li tinghata tkun konsona ma' dak li jghid l-imsemmi artikolu. Kien il-legislatur stess li, permezz ta' dak l-artikolu, ried jaghti forma ta' promessa jew twebbil ta' vantagg bl-iskop li jinqabdu t-traffikanti tad-droga. Naturalment l-ufficjal investigattiv huwa mbaghad obbligat jinforma lill-Qorti jekk l-imputat/akkuzat ikunx ikkoopera, dwar in-natura ta' dik il-kooperazzjoni, jekk l-informazzjoni li l-imputat/akkuzat ikun ta kellhiex ezitu pozittiv, ecc. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, f'cirkostanzi bhal dawn, ghandu jkun hemm mizura ta' *caution* fis-sens li min ghandu jiggudika fuq il-fatti ghandu joqghod ferm attent dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija u l-veracita` tal-kontenut taghha.[7]

**21.** Ir-raba' lment jirrigwarda n-nuqqas ta' direzzjoni taht l-artikolu 639(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jghid illi waqt ir-replika d-difiza qalet illi huwa dmir tal-Qorti illi taghti dik it-twissija dwar il-kawtela li biha ghandhom jimxu l-gurati qabel jistghu jikkundannaw lil xi hadd fuq ix-xiehda wahdanija ta' persuna implikata fir-reat. "Minkejja din l-insistenza", jghid l-appellant, "u l-Qorti stiednet lill-avukat difensur illi jkompli jispjega dan il-punt, meta giet biex tezercita dak id-dmir taghha fl-indirizz, u dak huwa dmir impost mil-ligi, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset illi taghmel dan bl-aktar mod assolut." L-appellant jissokta jghid illi l-ewwel Qorti qalet b'mod generiku illi l-gurati semghu l-punti legali tal-partijiet u setghu joqoghdu fuqhom. In-nuqqas tal-Qorti, fil-fehma ta' l-appellant, kellu effett determinanti fuq il-verdett tal-gurija.

**22.** L-artikolu 639(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: **"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti <u>ghandha</u> taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan is-

[7] *Caution* fil-kaz ta' gurati, *self-caution* fil-kaz ta' Imhallef jew Magistrat wahdu.

subartikolu (3) kif inhu llum gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006. Permezz tieghu tnehhiet il-htiega li kienet tezisti[8] ta' korroborazzjoni tax-xiehda tal-komplici izda mponiet dmir importanti fuq l-Imhallef li jippresjedi l-guri. Huwa dmir li l-Qorti ma tistax tabdika minnu u trid tinghata l-ispjegazzjoni necessarja f'termini cari lill-gurati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri, u li fuqu, ghal dik li hija ligi, ghandhom jistriehu l-gurati. Bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara** moghtija fis-17 ta' Jannar 2008, il-fatt li x-xiehda tal-komplici issa ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li qabel kienet rikjesta, "jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti jew, fil-kaz ta' guri, fuq il-gurati, li jezaminaw sew u bid-dettal id-deposizzjoni ta' tali xhud u ta' xiehda u provi ohra biex jaraw jekk ghandux jitwemmen, u jekk jitwemmen m'hemm l-ebda htiega ta' korroborazzjoni." F'dan il-kaz Burgoa kellu jitqies bhala komplici a tenur ta' l-imsemmi artikolu 639(3). L-Imhallef li ppresjeda l-guri ma ta l-ebda direttiva lill-gurati skond l-artikolu 639(3). Ghalhekk in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kien nuqqas skond l-artikolu 501(1)(b) tal-Kap. 9.

**23.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ghandna ghalhekk quddiemna numru ta' rregolaritajiet matul il-kawza li seta' kellhom influwenza fuq il-verdett fit-termini ta' l-artikolu 501(1)(b) tal-Kap. 9. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tiehu post il-gurati u tara jekk, minkejja dawk l-irregolaritajiet, hemmx lok ta' l-applikazzjoni tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-artikolu 501 imsemmi[9]. Il-gurati, ben diretti mill-Imhallef, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, <u>skond il-buon sens</u>, dwar il-htija o meno ta' l-appellant.

---

[8] Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali kien jipprovdi hekk: **"Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126 u 138, ikun il-komplici, u x-xiehda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."**

[9] 501(1) *proviso*: "Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja."

**24.** Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ghandu jigi applikat l-artikolu 508(1) tal-Kap. 9, u l-process jerga' jsir mill-gdid biex tigi stabbilita l-htija o meno ta' l-appellant. Isegwi wkoll li huwa inutili li wiehed jezamina l-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

**25.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti thassar u tirrevoka kemm il-verdett tal-gurati tad-29 ta' Ottubru 2010 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2010 in kwantu din tirreferi biss ghall-appellant Jose` Edgar Pena u li permezz taghha sabet lill-istess appellant Jose` Edgar Pena hati skond l-uniku Kap ta' l-Att ta' Akkuza u in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il (18) sena prigunerija, b'dan li minn dan it-terminu ta' prigunerija jrid jitnaqqas iz-zmien kollu li hu qatta' taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn l-akkuzi u multa ta' ghoxrin elf euro (€20,000) konvertita f'sena prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza appellata; in kwantu kkundannatu ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u hamsin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€4,654.24) rapprezentanti nofs l-ammont intier ta' disat elef tliet mija u tmin euro u tmienja u erbghin centezmi (€9,308.48) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija ulterjuri skond il-ligi; in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati, u in kwantu, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota – li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati, u, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 508(1) imsemmi,

tordna li l-appellant jerga’ jigi processat mill-gdid; konsegwentement tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u li Jose` Edgar Pena jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma gie mahtur il-guri fl-20 ta’ Ottubru 2010. Sakemm jergghu jsiru l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, l-appellant ghandu jitqieghed, ghal dik li hija l-liberta` personali tieghu, fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma bdew il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------